# Sant'Anna f'Tas-Sliema

minn Winston L. Zammit
B.A. (Hons.), P.G.C.E., M.A.

Il-kwadru ta' Sant'Anna espost fil-knisja parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor sar fl-1963 f'Ruma mill-pittur Oscar Testa u ġie mbierek mill-Kardinal Paulo Marella. Ħallas għalih devot ta' Sant'Anna li qatt ma xtaq juri ismu.

Fil-kwadru hemm ix-xbihat ta' Sant'Anna, il-Madonna u San Karlu minn Sezze, Franġiskan li kien devot kbir ta' Sant'Anna. Il-kwadru fih ukoll l-arma tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII li ddikjarah qaddis. Mal-art tal-pittura, hemm ktieb miftuħ li fih jinqraw dawn il-kliem bil-Malti "L-ulied ta' Marija dix-xbieha t'Ommha - Sant'Anna - Bil-qima joffrulha – Mejju 1963."



Dan il-kwadru m'għandux artal quddiemu. (Ara M. Vella Is-Sultan Tagħna Leħen il-Parroċċa M.S.C. Sliema Mejju 1976, p.8)

Fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris tas-Sliema, żgur sas-sena 1946, kienet issir il-prietka ta' Sant'Anna (Il-Berqa, 8 ta' Awwissu, 1946).

F'tas-Sliema, għandna biss żewġ pjazez. Waħda minnhom hija Pjazza Sant'Anna li tinsab eżatt ħdejn ix-xatt fiċ-ċentru kummerċjali ta' tas-Sliema u fih insibu f'niċċa statwa tal-qaddisa.

Din il-pjazza tissemma fiċ-ċensiment li kien sar fit-3 ta' Mejju 1871 u fiha kienu jgħixu tnax-il ruħ (Ara Census of Malta, Gozo and Comino 3-V-1871, p.24).